**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 526/2021 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliott Magro)**
**vs**
**Gerald Cutajar**

**Illum 21 ta' Novembru 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Gerald Cutajar detentur tal-karta ta' l-identita` numru 0283681M imwieled ġewwa l-Piet`' nhar it-8 ta' Ġunju 1981 u residenti fil-fond bl-isem 'St. Anthony Court', Flat 2, Triq it-Torri l-Aħmar, Rabat (Malta);

Akkużati talli nhar il-31 ta' Lulju 2021, għall-ħabta tas-siegħa u kwart ta' wara nofsinhar (13:15Hrs) ġewwa r-Rabat (Malta);

1. Iċċirkola karozzin f'xi triq matul il-perjodu mill-ewwel ta' Lulju sal-31 ta' Awissu bejn is-siegħa u l-erbgħa ta' wara nofs in-nhar u dan bi ksur tar-Regolament 3(1) tal-L.S. 439.22 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna l-iskwalifika miż-żamma jew ksib ta' xi *warrant*, liċenzja, permess jew awtorità` skont l-Artikolu 45(3) tal-Kap 439.

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-imputazzjoni fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 3 ta' Novembru 2021.

Rat id-dokumenti kollha tal-kawża;

Semgħet ix-xhieda;

**Ikkunsidrat**

- Illi mill-proċess jirriżulta li x-xhud Moira Delia kienet għaddejja bil-karozza mir-Rabat viċin l-Imdina fejn rat il-karozzin bin-numru A010 għaddej għas-1.15pm u ħadet filmat tiegħu bil-mobile. Mill-investigazzjonijiet u mill-provi rriżulta li l-karozzin bin-numru A010 huwa ta' Gerald Cutajar. Mill-verżjoni li ttieħdet lil Gerald Cutajar huwa jgħid li meta lesta d-dawra tiegħu għall-ħabta tas-12:55pm il-passiġġier li kellu miegħu talbu biex iwasslu fejn l-eqreb bank BOV biex jiġbed il-flus meta huwa ġibed il-flus u wasslu lura l-venda. Fil-fatt mill-filmat jidher li kien qiegħed ftit metri l-bogħod mill-venda. Dan l-istess fatt tirrakkuntah ix-xhud Moira Delia, kif ukoll jirriżulta mill-filmat li ħadet hija stess u li ikkonfermat bil-ġurament tagħha.

- Huwa stat ta' fatt li l-imputat biż-żiemel tiegħu ma kienx daqstant 'il bogħod mill-venda għas-13:15Hrs tal-ġurnata tal-31 ta' Lulju 2021. Fil-fatt l-imputat ma xehedx biex jagħti l-verżjoni tiegħu u lanqas fl-istatement li ta fl-okkorrenza ma jinnega l-fatt li huwa kien qiegħed biż-żiemel barra dawk il-ħinijiet. Magħdud mal-fatt li san l-istat ta' fatt ġie kkonfermat mix-xiehda ta' Moira Delia li rat u kienet preżenti waqt l-akkadut bil-filmat b'kollox.

- Ir-regolament 3(1) tal-L.S. 439.22 jgħid is-segwenti:

(1) *Ebda karozzin ma għandu jiċċirkola f'xi triq matul il-perjodu mill-ewwel ta' Lulju sal-31 ta' Awwissu bejn is-siegħa u l-erbgħa ta' wara nofsinhar.*

- Il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għala m'għandhiex tagħti piż ix-xhieda tax-xhud Moira Delia inkluż il-filmat meħud. Ma jirriżultax li kien hemm xi raġuni valida għalfejn l-imputat kien qed barra biż-żiemel wara l-ħin tas-1.15pm nhar il-31 ta' Lulju 2021. Ir-regolament huwa ċar. Iż-żiemel mis-siegħa 'l quddiem kellu jkun qed jistrieħ fil-venda u mhux barra fix-xemx. Għalhekk i-Qorti bilfors ser ikollha ssib il-ħtija.

- Kwantu għas-sospensjoni tal-liċenzja mitluba ai termini ta' l-Artikolu 45(3) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti mhux ser timponiha għar-raġuni illi l-infrazzjoni fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma hix kbira biżżejjed biex l-imputat

jimmerita li jitlef l-għajxien tiegħu. Huwa minnu li huwa kien biż-żiemel f'ħinijiet mhux permessi, iżda l-infrazzjoni saret bi ftit minuti u mhux b'ħafna.

**Decide**

Għal dawn il-motivi u wara li rat ir-Regolament 3(1) tal-L.S. 439.22, il-Qorti ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu u tikkundannah għal multa ta' elfejn Ewro (€2000) li għandha titħallas sa żmien sena millum.

**Dr Caroline Farrugia Frendo**

**Maġistrat**

**Fabiana Grech**

**Deputat Reġistratur**